MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1498/2000/1

**Alfred Trevisan bħala mandatarju tas-soċjeta' estera Swordfish Marine PTY Limited u b'digriet tal-25 ta' Ġunju, 2004 Lino Debono qed jassumi l-atti tas-soċjeta' attriċi minflok Alfred Trevisan.**

**-vs-**

**Pelican Engineering Works (Trevisan) Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-19 ta' Lulju, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-kontendenti, permezz ta' skrittura privata tas-6 ta' April, 2000 (DOK AT1) intrabtu, fost ħwejjeġ oħra, illi s-soċjeta'

konvenuta kellha sservi ta’ rappreżentant tas-soċjeta’ attriċi hawn Malta u li s-soċjeta’ attriċi hawn Malta u li s-soċjeta’ attriċi, minn naħa tagħha, tforni lis-soċjeta’ konvenuta *computer cut generate semi-finished boats* u dan kif illustrat aħjar, iżda mhux limitat għal klawsoli numri 1, 2, 4, 6 u 7 ta’ l-iskrittura gia’ imsemmija.

Illi s-soċjeta’ konvenuta għamlet l-ewwel ordni tagħha fis-6 ta’ April, 2000 u dan għal 6.7m Runabout kompluta b’makna *outboard* u għal 7.3m Princess pre-cut u bit-*trailer*, u dan kif jirriżulta minn DOK AT2.

Illi s-soċjeta’ konvenuta ma onoratx l-obbligi tagħha naxxenti mill-iskrittura gia’ ċitata b’mod partikolari l-klawsola 9 ta’ l-istess ftehim gia’ indikat u l-obbligi naxxenti minn Variation Agreement, kopja tiegħu hawn annessa u mmarkata DOK AT3.

Illi s-soċjeta’ konvenuta naqset u għadha qegħda tonqos milli tonera l-obbligi minnha inkorsi.

Illi dan il-ksur imur kontra kull ftehim milħuq bejn il-kontendenti u għalhekk is-soċjeta’ attriċi ma għandhiex tibqa’ marbuta bl-istess.

Illi dan in-nuqqas ikkawża danni inġenti lis-soċjeta’ attriċi konsistenti fi spejjeż ta’ vjaġġar u akkomodazzjoni ta’ rappreżentat tagħha, telfien ta’ qligħ u telfien ta’ bejgħ konsistenti fin-nuqqas ta’ aċċettazzjoni ta’ ordnijiet, għal liema danni s-soċjeta’ konvenuta hija unikament responsabbli u li għalihom is-soċjeta’ attriċi għandha tiġi risarċita.

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. Tiddikjara illi l-ftehim bejn il-kontendenti naxxenti mill-iskrittura privata tas-6 ta’ April 2000 u mill-Variation Agreement gia’ indikati tilfu kull effett u dan għar-raġunijiet gia’ esposti.

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija risponsabbli għal danni sofferti mis-soċjeta' attriċi konsistenti fi spejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni ta' rappreżentat tagħha u telfien ta' qligħ u telfien ta' bejgħ konsistenti fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' ordnijiet stante n-nuqqas da parti tagħha li tottempera ruħha ma' l-obbligi naxxenti mill-iskrittura msemmija.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-soċjeta' attriċi anke bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru u bl-imgħaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Alfred Trevisan, I.D. nru. 578415 u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru, 2000 li permezz tiegħu s-soċjeta' konvenuta ġiet awtorizzata tippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess soċjeta' konvenuta ippreżentata fis-27 ta' Ottubru, 2000 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi in linea preliminari l-mandatarju Alfred Trevisan għandu jipprova l-mandat tiegħu kif ukoll li kien Malta meta ġiet intavolata l-kawża odjerna.

2. Illi l-ewwel talba attriċi hija nfondata stante illi l-kuntratt in kwistjoni ma jipprovdi għall-ebda klawsola rexxissorja, u ma jistax jiġi dikjarat li tilef kull effett a bażi tal-premessi hekk kif kontenuti fiċ-ċitazzjoni.

3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost *ai termini* ta' l-istess ftehim is-soċjeta' konvenuta ma għandha l-ebda obbligazzjoni illi teffettwa ordnijiet.

4. Illi s-soċjeta' attriċi ma soffriet ebda danni u dana stante illi fi kwalunkwe każ kwalsijasi *boat* involuta kienet gia' mibnija indeipendentement minn xi ordni tas-soċjeta' konvenuta u lesta qabel tali ordni u dawn qatt ma waslu Malta.

5. Illi s-soċjeta' konvenuta ma hiex responsabbli għal spejjeż ta' vjaġġar stante illi r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi kien jiġi Malta sabiex iżur il-familjari tiegħu residenti hawn Malta.

6. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost ma sar l-ebda vjaġġar in konnessjoni ma' l-ordinazzjonijiet in kwistjoni.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta maħlufa minn William Trevisan, I.D. nru. 103846(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob li tiġi rifusa d-danni li qed tgħid li sofriet minħabba li l-konvenuti naqsu li jottomperaw ruħhom mal-kuntratt ta' bejniethom li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi intrabtet illi tforni lil dik konvenuta *boats* kif indikati fl-istess kuntratt. Dan il-kuntratt baqa' ma ġiex esegwit għaliex is-soċjeta' konvenuta, skond is-soċjeta' attriċi naqset li tonora l-kuntratt billi ma pprovditx *letter of credit.*

Għandu jingħad mill-ewwel li l-attur esebixxa l-prokuri relattivi a fol 24 sa 26 tal-proċess u kwindi l-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata. L-attur nomine esebixxa affidavit a fol 34 fejn spjega kif ġraw l-affarijiet. Xehed rappresentant tal-bank HSBC li xehed dwar ċekk mhux imsarraf li kien inħareġ mis-soċjeta' konvenuta lil dik attriċi. Charles Trevisan li huwa direttur tas-soċjeta' konvenuta ġie mtella in subizzjoni fis-seduta tal-21 ta'Novembru, 2003 fejn qal li l-ftehim ma kienx jaf x'fih u ffirmah fuq fiduċja għaliex l-attur nomine huwa ħuh; ikkonferma li ċ-ċekk li ħarġu ta' erbat elef, erba' mija u sitta u disgħin Lira Maltin (Lm4,496) ma ssarrafx. (Dok. 65). Dan iċ-ċekk kellu jkun speċi ta' depositu. William Trevisan, direttur ieħor xehed fl-istess seduta u ppreżenta affidavit a fol 99. Dan qal li fil-fatt id-dgħajsa qatt ma waslet Malta; ikkonferma li l-*letter of credit* ma nħarġitx.

Jekk wieħed jeżamina l-provi u anke n-noti tal-osservazzjonijiet jirrealizza li s-soċjeta' konvenuta m'hijex fil-verita' qed tikkontesta li kisret il-ftehim iżda qegħda tgħid illi b'riżultat ta' dan il-ksur is-soċjeta' attriċi ma sofrietx danni. Huwa minnu li qed jgħidu illi ladarba l-ordni ma ntbagħtitx huma ħassewhom liberi u rilaxxati mill-ftehim iżda huwa ċar li s-soċjeta' attriċi ma kinitx se tibgħat id-dgħajsa jekk qabel ma tkunx inħarġet il-*letter of credit*. *Tongue in cheek* kif jgħidu l-Ingliżi, qed jikkontendu ukoll li ladarba ċ-ċekk li ħarġu huma stess ta' kwazi hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) ma ssarrafx, il-ftehim kif ġie modifikat wara li l-attur nomine ġie Malta biex jiddiskuti dawn it-tibdiliet, il-ftehim qatt ma seta' jkompli jiġi onorat.

Huwa ċar li s-soċjeta' konvenuta ma aġixxitx *in bona fede* fil-perkors tal-ftehim u allura ma tistax issa tippretendi li ma tweġibx għal għemilha. Oltre dan billi din kienet obligazzjoni kummercjali bejn żewġ soċjetajiet kummerċjali, kif appena inkisret bdew jgħaddu d-danni u l-ftehim ġie rexiss awtomatikament; għalhekk it-tieni eċċezzjoni hija palesament infondata.

Kwantu pero' għall-*quantum* tad-danni, il-Qorti taqbel li l-pretensjonijiet tal-attur nomine huma esaġerati. L-ewwelnett il-*boat* baqgħet għandha u allura f'dan l-aspett ma ġiex ippruvat xi dannu. Anke fir-rigward tas-safar lejn Malta jidher li saret xi ftit ta' konfużjoni bejn l-infiq ta' l-attur personalment u dawk li setgħet nefqet is-soċjeta' attriċi li qed titlob anke s-salarju ta' l-istess attur kemm dam Malta. Il-Qorti għalhekk se tadotta il-prinċipju spjegat tajjeb fis-sentenza Margaret Camilleri vs Cargo Handling Company Limited deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru, 2004 u aċċettat minn din il-Qorti kif preseduta fost oħrajn fil-kawża Platts vs Fogg Insurance Agency Limited deċiża fit-13 ta' Novembru, 2006 u cioe' li f'ċerti ċirkostanzi l-Qorti, mingħajr ma tissostitwixxi l-prova neċessarja biex jiġu kwantifikati d-danni, għandha poter diskrezzjonali li takkorda d-danni *arbitrio bonii virii.* F'dan il-każ, tħoss li danni ta' erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500) ikunu ġustifikati.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lil dik attriċi s-somma ta' erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500), bl-imgħaxijiet legali li jibdew jgħaddu mil-llum.**

**L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------